**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR53/VIII/2024**

**Il-Ħamis, 4 t' April, 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 4 t' April, 2024, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużati:**
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

## 53.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 53.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija

53.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

**53.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

52.3.1 Peress li l-minuti tal-laqgħa bin-numru 52 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

53.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

53.3.3 Saru l-korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**53.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li :-

53.4.1 it-tmien *pedal cycles* mogħtija mir-Reġjun Għawdex tqassmu kollha lil żgħażagħ Rabtin taħt it-tmintax 'il sena;

53.4.2 (i) inħarġet stqarrija mill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ rigward l-imwejjed, siġġijiet w umbrellel li hemm fi Pjazza San Ġorġ bla permess. Din l-istqarrija nħarġet wara li kien hemm funeral u ħadd mis-sidien tal-ħwienet ma neħħa l-imwejjed sabiex tgħaddi l-*hearse*. Is-Sindku ħareġ stqarrija minn naħa tiegħu fejn spjega x'inhu l-irwol tal-Kunsill meta jkun hemm talba biex jitneħħew l-imwejjed, siġġijiet w umbrellel mill-pjazez minħabba okkażjonijiet fosthom funerali w tiġijiet. Il-Kunsill jitlob il-*go ahead* tal-Awtorita' tal-Ippjanar u malli toħroġ din il-*go ahead*, il-Kunsill iqassam l-avviż bl-idejn lill-ħwienet konċernati u meta jitqassam l-avviż tintalab ukoll il-firma tas-sid jew ħaddiem li jkun hemm fil-ħanut. Kopja ta' din l-ittra tkun intbgħatet qabel lill-Awtorita' tal-Artijiet, lis-Supretendent tad-Distrett, lill-Awtorita' tat-Turiżmu u lill-applikant;

53.4.2 (ii) bagħat din l-istqarrija lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, lill-Awtorita' tal-Artijiet u lill-MTA – Għawdex, sabiex jittieħdu l-passi neċessarji u s-sitwazzjoni ma tibqax kif inhi;

53.4.2 (iii) l-Onor. Alex Borg ressaq mistoqsija parlamentari fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni fejn staqsa kemm il-darba f'din l-aħħar sena il-Kunsill ħareġ permess ta' zgumbrar fi Pjazza San Ġorġ minħabba okkażjonijiet u jekk il-Kunsill għandux il-ġurisdizzjoni fuq żgumbrar ta' mwejjed u siġġijiet. Din il-mistoqsija parlamentari ġiet risposta mis-Segretarju Eżekuttiv fil-ħin rikjest, jumejn wara li saret;

53.4.3 inħarġet l-offerta sabiex isiru *bollards* ġodda fi Pjazza Indipendenza. Din tagħlaq fil-5 t'April 2024. Il-membri qablu li l-membri tal-bord t'evalwazzjoni jkunu l-Av. Larry Formosa, l-Inġinier Mario Cauchi u l-Accountant Daniel Galea, is-Sur William Sultana bħala ċ-*Chairman* u s-Segretarju Eżekuttiv tkun is-Segretarja tal-bord;

53.4.4 dwar l-offerta VLC/01/2023 – *Service Tender for street sweeping services* mir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni ħareġ li ħadd mill-offerenti ma kien *compliant*. Il-membri qablu li terġa tinħareġ l-offerta. Is-Sindku ssuġġerixxa li tiżdied kinsa kull nhar ta' Ħadd filgħodu fi Pjazza Indipendenza. Il-membri qablu.

## 53.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

53.5.1 Inħarġet l-iskema minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex rigward restawr ta' postijiet storiċi. Il-membri qablu li jiġu sottomessi żewġ applikazzjonijet, waħda biex jiġu restawrati tlett statwi tal-ġebel li hemm mal-faċċata tal-Knisja tal-Kapuċċini u fuq iz-zuntier; u applikazzjoni oħra sabiex jiġi restawrat San Alwiġi Consaga li jinsab fi Triq Karita' kantuniera ma' Triq Mons. Gużeppi Farrugia u n-niċċa tal-Kunċizzjoni li tinsab fi Pjazza Savina kantuniera ma' Triq Sant' Ursola.

53.5.2 Il-membri ġew mgħarrfa li minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex mhux ser jiżbru s-siġar tal-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus*. Il-membri qablu li jitqabbad kuntrattur privat;

Tressqet korrispondenza mingħand:-

53.5.3 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward:-

i) id-data tal-egħluq tal-iskemi 2024;
ii) Ċirkulari 1/2024 – trattament tal-allokazzjoni annwali sħiħa – proċeduri tal-kontabilita' tal-Kunsilli Lokali u trattament ta' self u fondi ta' likwidita' addizjonali li jitħallsu lura fuq talba – proċeduri ta'kontabilita' tal-Kunsilli Reġjonali;
iii) Ċirkulari 3/2024 – proċedura standard għal talbiet ta' kumpens;

53.5.4 l-Awtorita' tal-Artijiet rigward il-kuntratt L235/2000 li jkopri d-devoluzzjoni tax-xelter ta' Triq id-Dejqa. Il-kirja żdiedet minn €232.94 p.a. għall-€415p.a. Il-membri qablu li jiġi ffirmat;

53.5.5 rigward PA/05390/22 – *former Magro factory and disued land,* din tikkonċerna t-triq li ġiet approvata f'dan is-sit tal-iżvilupp. Fejn qabel l-iżviluppatur kien qed jintalab iħalli fond ta' metru w nofs għal mgħodija ta' servizzi, issa qed jiġi aċċettat li direttament taħt din it-triq isiru garaxxijiet oħra. Fuq parir tal-Perit, il-Kunsill talab sabiex Transport Malta (TM) jipproduċu kopja tal-korrispondenza fejn il-*utility service providers* aċċettaw din il-proposta. TM filfatt bgħatet kopja ta' din il-korrispondenza lill-Kunsill;

53.5.6 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward GS/5003/2021 li tikkonċerna l-fondi li talbu l-S.K.Victoria Wanderers mid-Development Planning Fund (DPF). Qed jintalab lill-Kunsill sabiex jaċċetta li €10,000 minn dan il-fond ikunu jistgħu jintużaw għal dan il-proġett li l-S.K. Victoria Wanderers qed taħdem sabiex isir. Il-membri qablu;

53.5.7 Isabelle Farchy li lmentat fuq id-dħaħen li jiġu ġenerati meta jkun ir-riħ, minn Kampnari Bakery ta' sqaq numru 1 fi Triq Mons. Ġużeppi Farrugia;

53.5.8 l-Av. Daniel Calleja li kiteb għan-nom ta' The Duke's Condominium Association ta' Triq Repubblika u ntbgħatet lis-sidien tal-kumpless The Duke. L-ittra titratta l-parkeġġ mhux awtoriżżat u l-ostaklu li joħolqu l-vetturi użati minn Greens Supermarket li jinsab fl-istess kumpless. Il-Kunsill hu kkupjat f'din l-ttra u l-Avukat tal-Kunsill tat parir li l-Kunsill m'għandux għalfejn jirrispondi. Il-membri qablu;

53.5.9 The Family Support Unit li fis-sajf ser torganiżża Supersibs Programme fl-Għajnsielem Learning Hub. Dan hu programm immirat għal aħwa fejn ikun hemm tfal b'diżabilita';

53.5.10 GreenMt rigward CCTVs fejn il-bring-in sites. Il-bring-in site tar-Rabat diġa' hi koperta b'CCTVs li jiffunzjonaw;

53.5.11 resident li joqgħod fi Triq il-Mitħna li talab għall-bozza ġdida fuq arblu fil-parti mudlama ta' din it-triq. Il-membri qablu.

**53.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) bgħatet korrispondenza rigward:-

53.6.1 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta':-
i) Paul Cauchi ta' Blokk KA, taċ-Ċawla H.E.,
ii) Gertrude Portelli ta' 67, Triq ta' Wara s-Sur u
iii) Mary Ellis ta' 78, Triq Palma.
Il-membri qablu li timtela l-formola rikjesta minn TM;

53.6.2 it-tneħħija ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Blokk HB ref. 9494. Dan irid jitneħħa peress ma ġietx imġedda. Il-membri qablu li titneħħa;

53.6.3 it-talba tal-Victoria Scout Group biex isiru *traffic calming measures* fi Triq Santa Dminka. TM ħarġet il-permess biex isir traffic meanagement f'din it-triq;

53.6.4 it-talba sabiex issir bankina fi Pjazza Santu Wistin fil-kantuniera ma' Triq Alfons Maria Hili. F'din il-parti tal-Pjazza ittella *scaffolding* mis-sid bil-permessi meħtieġa, minħabba li l-faċċata hi perikoluża. Dan bil-konsegwenza li t-triq djieqet. TM qed tgħid li jekk issir bankina mill-iscaffolding il-barra ma jkunux jistgħu jgħaddu l-vetturi.

Tressqet korrispondenza rigward traffic management mingħand:-

53.6.5 persuna li taħdem fi Triq Santa Marta li lmentat fir-rigward in-nuqqas ta' parkeġġi f'din it-triq u li bosta minn dawn il-parkeġġi huma *un/loading bays* li m'għadx għandhom użu bil-konsegwenza li qed jintużaw abbużivament. Din il-korrispondenza ntbagħatet għall-informazzjoni ta' TM;

53.6.6 residenta fi Triq Dun Pawl Micallef li ssuġġeriet li faċċata tad-dar tagħha jsiru sinjali sofor peress li vetturi tqal qed jolqtulha l-gallarija meta jkun hemm vetturi pparkjati faċċata. Il-Kunsill talab il-parir ta' TM pero' l-Kunsill irid jara jaqbilx li jitneħħa dan il-parkeġġ. Il-membri ma qablux li jitnaqqas il-parkeġġ u l-Kunsill ser jara jsibx soluzzjoni alternattiva;

53.6.7 persuna li toqgħod fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Din ilmentat fir-rigward ta' tabella li tindika STOP u li tpoġġiet fuq il-bankina quddiem id-dar tagħha. Il-membri qablu li din it-tabella għandha titpoġġa fuq it-tarmak taħt il-bankina.

**53.7 Żjara f'Nichelino – Nursuries tal-futbol tar-Rabat –** ***Post Mortem***

53.7.1 Is-Sindku qal li din il-mawra kompliet saħħet il-ġemellaġġ bejn il-Belt Victoria u Nichelino. Saru wkoll laqgħat mas-Sindku u diversi Assessori u anke' ġew diskussi possibiltajiet ta' skambji oħra fil-futur qarib.

53.7.2 Il-Viċi Sindku qal li jixtieq jirringrazja t-tim li kellu miegħu u li tant ħadmu biex din iż-żjara tkun suċċess. Irringrazzja wkoll lill-kowċis li ħadu ħsieb it-timijet Rabtin, lis-Sindku, lill-membri tal-Kunsill u lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Comune ta' Nichelino. Il-Viċi Sindku rringrazzja wkoll lill-ġenituri li akkumpanjaw lit-tfal tagħhom tal-koperazzjoni li sab minn għandhom u jikkonludi li kuntent peress li meta telqu mir-Rabat telqu bħala żewġ gruppi u rritornaw grupp wieħed.

**53.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

53.8.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Marzu u April 2024, skont dokument A u B annessi.

**53.9 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qalu li:-

53.9.1 jiġi rappurtat lill-Ministeru għal Għawdex sabiex tissolva l-problema tal-ilma ħiereġ kontinwament quddiem il-Kumpless Sportiv fi Triq l-Ewropa;

53.9.2 jitqabbad kuntrattur privat sabiex jinżabbru l-friegħi perikolużi tas-siġra tal-ficus li hemm int u dieħel ta' Kerċem;

53.9.3 tiġi rilaxxata garanzija bankarja li hemm fuq PA0354/22. Dan wara li saret il-bankina u r-rampa quddiem il-garaxx;

53.9.4 għall-Jum il-Belt Victoria jiġu organizzati biss Leone Goes Pop fis-27 ta' Mejju 2024 u RockAstra fil-31 ta' Mejju, 2024. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €2,500 għal kull kunċert. Mhux ser jiġu organizzatti aktar attivitajiet għal jum il-Belt Victoria peress li ser taħbat fil-ġimgħa tal-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Ewropa;

53.9.5 jinxtraw 10 kotba li qed jikteb Stephen Attard fuq missieru bl-isem – Ġużeppi 'Farina' Attard – *a Man for All People;*

53.9.6 titranġa rampa quddiem 'LuiMar' f'Qasam San Ġorġ. Dan biex tkun aktar aċċessibbli għas-siġġu tar-roti;

53.9.7 titranġa parti żgħira bl-*istencilled concrete* fi sqaq numru 3 fi Triq Karita', peress li hi perikoluża;

53.9.8 jgħinu fil-loġistika tas-serata li ser tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni ta' Ogygia Folk Group, nhar is-27 t'April, 2024 fl-Oratorju Don Bosco. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €500.

**53.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

53.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30hrs u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ġimgħa., 17 ta' Mejju, 2024.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv